

32002R1446

9.8.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 213/3

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1446/2002

## tat-8 ta' Awissu 2002

**dwar is-sospensjoni u ftuħ ta' kwoti ta' tariffi applikabli għal importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli proċessati li joriġinaw fil-Bulgarija u jemenda Regolament (KE) Nru 1477/2000**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jispeċifika l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti beni li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat minn Regolament (KE) Nru 2580/2000 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/278/KE tad-9 ta' Marzu 1999 li għandha x'taqsam mal-konklużjoni ta' Protokoll li jaġġusta aspetti kummerċjali tal-Ftehim Ewropew bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, fuq in-naħa l-oħra, sabiex jieħdu f'konsiderazzjoni d-dħul tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja fl-Unjoni Ewropea w ir-riżultat tan-negozjati ma' l-Urugwaj dwar l-agrikoltura, inkluż titjib fil-ftehim preferenzjali eżistenti <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

- (1) Protokoll 3 tal-Ftehim Ewropew li waqqaf assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Bulgarija, fuq in-naħa l-oħra, approvati b'Deċiżjoni 94/908/KEFA, KE, Eurarom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni <sup>(4)</sup>, tispeċifika l-arranġamenti kummerċjali għal prodotti agrikoli proċessati li huma mniżżla hawn.
- (2) Protokoll 3 tal-Ftehim Ewropew kien emendat, fejn jidħol il-volum ta' kwoti ta' tariffi w is-sistema biex ikun ikkalkulat il-komponent ridott agrikolu u dazji addizzjonali, b'Deċiżjoni Nru 22002 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Bulgarija ta' l-1 ta' Lulju 2002 dwar titjib fil-ftehim kummerċjali għal prodotti agrikoli proċessati skond kif ipprovdut fi Protokoll 3 tal-Ftehim Ewropew <sup>(5)</sup>. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Settembru 2002.
- (3) Bħala riżultat ta' dan, huwa approprijat li tkun sospiża l-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għas-sena 2002 għal importazzjoni fil-Komunità Ewropea ta' prodotti li joriġinaw fil-Bulgarija b'Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2542/2001 <sup>(6)</sup> u li jinfetħu l-kwoti annwali ġodda provduti fl-Anness I ta' Protokoll 3. Minħabba li għas-sena 2002, dawn il-kwoti annwali ġodda ma jistgħux jinfetħu qabel l-1 ta' Settembru 2002, dawn għandhom jitnaqqsu, għas-sena 2002, fi proporzjon għal perjodu li diġà għadda.

- (4) Il-kwoti ta' tariffi miftuħa għal Bulgarija għandhom ikunu amministrati skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li tispeċifika disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 291392 li waqqaf il-Kodiċi Doganali Komunitarju <sup>(7)</sup>, kif l-aħħar emendat b'Regolament (KE) Nru 444/2002 <sup>(8)</sup>.
- (5) Il-komponenti agrikoli mnaqqsa u d-dazji addizzjonali applikabbli mill-1 ta' Lulju 2000 għall-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti koperti bir-Regolament (KE) Nru 3448/93, speċifikati fil-qafas tal-Ftehim Ewropew mal-Bulgarija bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1477/2000 <sup>(9)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 748/2002 <sup>(10)</sup>, għandhom jiġu mħassra.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 1477/2000 għandu jiġi emendat skond dan.
- (7) Il-miżuri speċifikati f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni għal kwistjonijiet orizzontali dwar kummerċ ta' prodotti agrikoli proċessati mhux elenkati fl-Anness I,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-applikazzjoni tal-kwoti tariffari miftuħin bl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 2542/2001 hija sospiża mill-1 ta' Settembru 2002.

## Artikolu 2

Il-kwoti tariffari Komunitarji għall-prodotti li joriġinaw fil-Bulgarija speċifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandhom jinfetħu annwalment mill-1 ta' Jannar sal-13 ta' Diċembru u huma eżentati mit-taxxa.

Għas-sena 2002, huma għandhom jitnaqqsu fuq bażi *pro rata* skond il-perjodu, bbażat fuq xhur sħaħ, li jkun diġà għaddew.

## Artikolu 3

Il-kwoti tariffari Komunitarji msemmija fl-Artikolu 2 għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 308(a) u 308(c) u r-Regolament (KEE) Nru 2454/934.

<sup>(1)</sup> ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, pġ. 18.

<sup>(2)</sup> ĠU L 298, tal-25.11.2000, pġ. 5.

<sup>(3)</sup> ĠU L 112, tad-29.4.1999, pġ. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 358, tal-31.12.1994, pġ. 1.

<sup>(5)</sup> Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(6)</sup> ĠU L 341, tat-22.12.2001, pġ. 82.

<sup>(7)</sup> ĠU L 253, tal-11.10.1993, pġ. 1.

<sup>(8)</sup> ĠU L 68, tat-12.3.2002, pġ. 11.

<sup>(9)</sup> ĠU L 171, tal-11.7.2000, pġ. 44.

<sup>(10)</sup> ĠU L 115, ta' l-1.5.2002, pġ. 15.

*Artikolu 4*

Regolament (KE) Nru 1477/2000 għandu jkun emendat kif ġej:

1. il-ħames paragrafu ta' l-Artikolu 2 għandu jkun abrogat;
2. L-Annessi XI u XII huma abrogati.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, it-8 ta' Awissu 2002.

*Għall-Kummissjoni*

Erkki LIIKANEN

*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX

## Kwoti applikabli fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' beni li joriġinaw fil-Bulgarija – eżenti minn dazju

Numru tas-serje	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwota mid-1.9.2002 sal-21.12.2002	Kwota Annwali 2003	Żieda annwali mill-2004
			1000 kg/neto		
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
09.5481	0405	Butir u xaħmijiet oħra żjut ġejjin mill-ħalib; taħlitiet tal-ħalib:	196	637	49
	0405 20	-- Taħlitiet tal-ħalib:			
	0405 20 10	--- B'kontenut xaħmi, b'piż ta' 39 % jew aktar però anqas minn 60 %			
	0405 20 30	--- B'kontenut xaħmi, b'piż ta' 60 % jew aktar però anqas minn 75 %			
	ex 2106	Preparazzjonijiet ta' ikel mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor barra dawk li jaqgħu fi ħdan il-limiti ta' kodiċi NM 2106 1020 u 2106 90 20 w oħrajn barra ġulepp bit-toma jew bil-kulur <sup>(1)</sup>			
	3302 10	Taħlitiet ta' sustanzi b'riħa u taħlitiet (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-soluzzjonijiet, ta' tip użati fl-industriji ta' l-ikel u x-xorb:			
	3302 10 29	----- Oħrajn			
09.5486	1702 50	Fruttożi kemikament pur	1 334	4 000	-
09.5461	ex 1704	Ħelu konfezzjonat (inkluzja ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw, mingħajr astratt tal-likwirizzja li jkun fih aktar minn 10 % piż zokkor tal-kannamiela però li ma fihx sustanzi oħra miżjuda taħt il-kodiċi NM 1704 90 10	68	219	17
09.5463	ex 1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħra ta' l-ikel li fihom il-kawkaw barra dawk ta' kodiċi NM 1806 10 15	202	654	50
09.5485	ex 1901	Astratt tax-xgħir; preparazzjonijiet ta' l-ikel tat-dqiq, ikel, lamtu, ikel, astratt tal-lamtu jew xgħir, li ma jkunx fih kawkaw jew li jkun inqas minn 40 % piż kawkaw kalkulat fuq bażi kompletament mingħajr xaħam, li ma jkunx speċifikat jew inklużi x'imkien ieħor; preparazzjonijiet ta' qabel l-ikel ta' beni taħt it-titolu Numru 0401 sa 0404, li ma jkunx fihom kawkaw jew li jkun fihom inqas minn 5 % piż kawkaw kalkulat fuq bażi kompletament mingħajr xaħam, li ma jkunx speċifikat jew inklużi x'imkien ieħor, minn barra beni li laqgħu taħt kodiċi NM 1901 90 91	41	131	10

Numru tas-serje	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwota mid-1.9.2002 sal-21.12.2002	Kwota Annwali 2003	Żieda annwali mill-2004
			1000 kg/neto		
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
09.5469	ex 1902	Għaġin, imsajjar jew nej jew preparat biex b'mod ieħor, minbarra għaġina mimlija li taqa taħt kodiċi NM 1902 20 10 u 1902 20 30; kusksu, preparat u mhux	135	438	34
09.5471	1904	Ikel lest miksub mill-infiħ jew tixwija ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju, corn flakes); ċereali (barra mill-qamhrrun (qamħ)) fil-forma ta' żerriegħa jew filforma ta' fjakki jew żerriegħa oħra maħdua (barra dqiq u ikel), imsajjar minn qabel, jew preparat b'xi mod ieħor, li mhux speċifikat jew inkluż x'imkien ieħor	101	327	25
09.5473	1905	Ħobż, pasti, kejkijiet, biskuttini w oġġetti oħra tal-furnar, li jkun fihom kawkaw jew le; ostji, boroż vojta tat-tip użati għal għanijiet farmaċewtiċi, wejfer li tissiġilla, karta tar-ross u prodotti simili	236	765	59
09.5474	2101 12 98  2101 20 98	Preparazzjonijiet b'bażi ta' astratti, essenzi jew konċentrazzjonijiet ta' kafè taħt il-kodiċi NM 2101 12 92  Astratti, essenzi u konċentрати, ta' tè jew matt, u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-astratti, essenzi u konċentrazzjonijiet, jew b'bażi ta' tè jew matt barra minn dawk ta' kodiċi NM 2101 20 92	68	219	17
09.5476	2101 30  2101 30 19  2101 30 99	-- Ċikwejra mixwija u sostituti oħra tal-kafè mixwija, w astratti, essenzi u konċentрати tagħhom  -- Ċikwejra mixwija u sostituti oħra tal-kafè mixwija:  --- Oħrajn  -- Astratti, essenzi u konċentрати taċ-ċikwejra mixwija u sostituti oħra mixwija tal-kafè:  --- Oħrajn	9	28	2
09.5487	2103  2103 20 00	Zlazi jew preparazzjonijiet tagħhom; kondimenti mħallta u taħlitiet imħalta; mustarda dqiq w ikel u mustarda preparata:  Zalza tad-tadam u zlazi oħra tad-tadam	734	2 400	200
09.5488	2103 30 90	-- Mustarda lesta	734	2 400	200
09.5489	2103 90 90	-- Oħrajn	734	2 400	200
09.5479	2105 00	Ġelat u silġ ieħor li jittiekel, kemm bil-kawkaw kif ukoll mingħajru	34	108	8

Numru tas-serje	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwota mid- 1.9.2002 sal- 21.12.2002	Kwota Annwali 2003	Żieda annwali mill-2004
			1000 kg/neto		
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
09.5483	2202  2202 90 91 to2202 90 99	Ilmijiet, inklużi ilma minerali w ilma bil- gas, li jkun fihom zokkor miżjud jew materji ħelwin oħra jew bit-toma, u xarbiets oħra mhux alkoħoliċi, li ma jinkludux meraq tal-frott jew ħaxix ta' titolu Nru 2009:  -- Oħrajn	7	23	2

(<sup>1</sup>) Għal prodotti taħt kodiċi NM 2106 90 10, l-eleġibiltà sabiex tibbenefika minn din il-preferenza hija suġġetta għal kondizzjonijiet imniżżla fid-disposizzjonijiet Komunitarji relevanti.